**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 262/12 AL

**A B**

**vs**

**C sive X mart l-istess A B minnu legalment separata**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi l-attur u l-konvenuta zzewwgu fit-30 ta' Jannar 1982.
2. Illi l-kontendenti ilhom separati legalment sa mill-24 ta' Jannar 2002 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien

(Dok. A), u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar minn erba (4) snin.

3. Illi z-zewg ulied tal-kontendenti li huma maggorenni u huma mizzewga.
4. Illi skont klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi l-attur kien obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta manteniment ta' hamsin lira Maltija (LM 50) fil-gimgha flimkien ma' somma wahda apparti ta' erba mitt lira Maltija (LM 400) li tithallas fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru ta' kull sena izda skont l-istess klawsola hu rrizerva d-dritt li jwaqqaf dan il-manteniment f'kas li l-konvenuta tibda tikkoabita ma' ragel iehor.
5. Illi fil-fatt il-konvenuta kienet tikkoabita ma' ragel iehor f'Malta u fil-prezent qeghda tikkoabita ma' ragel iehor ta' nazzjonalita barranija barra minn Malta u precizament fl-Awstrija u fejn tghix regolarment, ghalkemm tigi f'Malta minn zmien ghal zmien.
6. Illi ghalhekk l-attur mhux obbligat li jhallas lill-konvenuta l-ebda forma ta' manteniment.
7. Ili mhemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra li dawn ilhom aktar minn ghaxar (10) snin ma jghixu flimkien illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
8. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal hall taz-zwieg u cioe` d-divorzju bejn il-kontendenti skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

Illi din il-procedura qed issir sabiex jigi pronunzjat bejn il-kontendenti il-hall taz-zwieg ta' bejniethom.

**C. Talbiet Attrici**

Talab in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-obbligu tal-attur li jissoministra xi manteniment lill-konvenuta m'ghadux fis-sehh;
2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti; u
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja sabiex fi zmien moghti ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi preliminarjament l-attur ghandu ai termini tal-Artikoli 156 (4) tal-Kap. 12 sas-seduta li jmiss jindika l-ismijiet tal-familjari, hbieb u girien tal-kontendenti kif imsemmija mill-attur fir-raba paragrafu u dan kif jitlob l-istess artikolu, tindika min huma x-xhieda li hija semmiet fl-ewwel u fit-tielet paragrafu tal-lista tax-xhieda taghha;
2. Illi hija qed taghti ruhha notifikata minkejja li hija tirrisjedi fil-fond li jinsab Doripher Flats, Flat 2, Dingli Street, Sliema u mhux Flat 1 kif indika l-attur fir-rikors tieghu;
3. Illi hija qed topponi ghat-talbiet tal-attur zewgha u dana stante li zewgha ilu moruz fil-hlas tal-pagamenti tal-manteniment ghal dawn l-ahhar tmien snin;
4. Illi mhux minnu li hija tilfet id-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha kif qed jikkontendi l-attur u anke jekk dan hu l-kaz, (li mhux l-kaz ghax hija qatt ma ghexet jew kkoabitat ma hadd), zgur li mhumiex dawn il-proceduri li jiddeciedu jekk l-esponenti tilfitx id-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha;

Salvi risposti ulterjuri;

Illi hija ma ghandhiex tbaghti spejjez;

Rat in-nota guramentata tal-intimata tas-7 ta’ Novembru 2016, li permezz taghha iddikjarat illi mhijiex qed toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti zewgha stante li l-istess zewgha hallasha l-arretrati tal-manteniment u ma hemmx arretrati ohra dovuti;

Illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjomha xebba ‘Borg Bonaci’;

Tant l-esponenti ghandha x’tissottometti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2012;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi l-intimata permezz ta' Nota talbet illi tirriverti ruhha ghal kunjom xbubita u cioe' 'Borg Bonaci';

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' 'Borg Bonaci', tilqa it-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.